**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Sarah Magri)**

**Vs**

**Alfred Farrugia**

Illum 14 ta' Novembru 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Alfred Farrugia, ta' 48 sena, iben Carmelo u Teresa nee' Pulliciino, imwieled Pieta, fis-17 ta' April 1965 u residenti 2, Triq it-Tigrija, Marsa detentur ta' karta tal-identita' 231865(M) talli:

Nhar il-25 ta' Mejju 2013 ghal habta tas-saghtejn ta' filghodu gewwa Triq it- Tigrija, Marsa, bil-hsieb li jaghmel delitt, u cioe' tentattiv ta' ferita gravi, wera' dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni w indipendenti mill-volonta' tieghu;

Ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Carmen Meilak skont kif iccertifikat minn Dr. K. Camilleri ta' l-isptar Mater Dei.

Ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bl-imgieba tieghu kkaguna lil haddiehor u cioe lil Carmen Meilak, biza' li se tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta taghha.

Ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghalkemm kien ipprovokat, ingurja b' mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni.

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, kiser il-paci pubblika b' ghajjat u glied.

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, insulenta, ingurja jew hedded bi kliem lil Carmen Meilak.

Ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi f' post pubbliku jew miftuh ghal pubbliku kien fi stat ta sakra li ma setax jiehu hsieb tieghu innifsu

U aktar talli b'hekk renda ruhu recidiv b'diversi sentenzi moghtija lilu mill- Qorti tal-Magistrati Malta liema sentenzi saru defenttivi w majisghuxjigu mibdula u dan ai terminu ta' Artikolu 50 ta' Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Akkuzat ukoll li kiser kundizzjonijiet tal-liberta' provizorja imposta mill-Qorti diversament preseduta, f'dan li ma jikkommettiex delitt iehor ta' natura volontarja u li jkun f' dawk il-hinijiet rinkazat kif ordnat li jaghmel mill-istess Qorti u dan bi ksur ta' I-artikolu 579(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija mitluba li tirrevoka l-helsien mill-arrest ta' l-imsemmi Alfred Farrugia u tordna l-arrest mill-gdid tal-imsemmi imputat kif ukoll tordna li s-somma ta' garanzija personali u s-somma depozitati fil-liberta' provisorja, jghaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-artikolu 579 (2) (3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini ta' l-Artikolu 412C fejn tiprojbixxi lill-imputat milli javvicina lil Carmen Meilak u l-membri tal-familja tieghu, ir-residenza tieghu kif ukoll il-post li tali persuni jiffrekwentaw.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali li permezz tieghu baghat lill-imputat sabiex jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat iddikjara li ma ghandux oggezzjoni sabiex il-kaz jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda.

Semghet it-trattazzjoni finali.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat u l-parte civile fiz-zmien tal-incident kienu f'relazzjoni u jirrizulta li kienu ghadhom f'din ir-relazzjoni zgur meta saret it-trattazzjoni finali.

L-Ispettur Sarah Magri[1] xehdet li fil-25 ta' Mejju ghall-habta tas-saghtejn u nofs ta' filghodu giet infurmata minn PS561, li dak il-hin kien stazzjonat gewwa l-ghassa tal-Marsa, li gewwa Triq it-Tigrija, Marsa kien hemm incident li x'aktarx kien stabbing. Dan l-argument sehh bejn l-imputat u Carmen Meilak. PS 561 meta wasal fuq il-post sab lill-imputat mixhut mal-art ftit il-boghod mir-residenza tieghu u kien deher li kien ferut. Alfred Farrugia sostna li huwa kien intlaqghat minn Carmen Meilak permezz ta' strument bil-ponta. Carmen Meilak ma kinitx fuq il-post izda imbaghad instabet minn skwadra differenti fi Pjazza Magri u billi rawha wkoll bid-demm qalulha biex tinzel l-ghassa tal-Marsa biex minn hemm issejhet ambulanza biex tiehu anki lilha l-isptar. L-Ufficjal prosekutur esebiet ukoll zewg filmati[2] liema filmati gew downloaded mis-SOCO.

Mill-okkorrenza jirrizulta li l-versjoni moghtija minn Carmen Meilak kienet li aktar kmieni dakinhar l-imputat u hija kienu qeghdin jixorbu

[1] Seduta tal-1 ta' Lulju 2013
[2] Dok SM1 u SM2

flimkien fil-festa tal-Marsa meta f'hin minnhom ma ratux aktar. Ghalhekk iddecidiet li tmur lura d-dar bil-mixi. Waqt li kienet qeghda tistenna fit-triq vicin ir-residenza taghhom persuna maskili li kien ghaddej bil-karozza waqfilha u staqsiha kinitx prostituta u wara li qaltlu li ma kinitx dan baqa' sejjer. Proprju dak il-hin tfacca l-imputat u mill-ewwel kien aggressiv maghha u mar hdejha u ta daqqa ta' harta. Hija rreagixxiet mill-ewwel u harget il-mus u tatu daqqiet fuq drieghu u spalltu. Hija harbet minnu izda huwa gera warajha u ta b'injama fuq wara ta' rasha u baqa' jaghtiha. Hija imbaghad harbet u halliet lill-imputat mal-art.

Illi Carmen Meilak baqghet qatt ma xehdet f'dawn il-proceduri billi ddikjarat li ma kinitx se tixhed billi kellha proceduri kriminali wkoll fil-konfront taghha.

L-imputat min-naha tieghu rrilaxxja stqarrija li qal min-naha tieghu li l-parte civile u huwa kienu l-festa u f'hin minnhom intilfu. Baqa' ftit wahdu u mar sal-kazin u imbaghad mar lejn id-dar. Meta wasal hdejn il-bieb ra karozza griza u lemah lil Carmen Meilak hierga minn din il-karozza. Inharaq u lletika maghha u hija bdiet tghidlu li dan ir-ragel kien waqaf biex jittantaha. Baqa' miexi lejn il-bieb tad-dar waqt li kien qieghed ixejjer idu jaghmlilha sinjal biex titlaq. Hu jghid li malli rat hekk qabdet taghtih bil-ponn go wiccu u ghalhekk taha daqqa ta' harta. Waqt li baqghu barra l-parte civile harget sikkina u tatu daqqa fil-parti privata tieghu. Malli hass id-daqqa ghamel pass lura u waqa' ghal irkuptejh u beda jghajjat lil huh. Carmen Meilak marret faccata tat-triq. Huwa qal li dak il-lejl bdiet tghidlu li riedet toqtlu. Huwa pprova jqum minn mal-art u dahal lejn l-isqaq biex jidhol id-dar. Ikompli jghid li malli ratu miexi marret fuqu u ppruvat ittih fuq sidru izda huwa laqghalha u spiccat tatu kwazi fuq spalltu. Huwa raha li se tipprova ttih daqqa ohra u lemah injama li kienet fit-triq magenb il-bieb tad-dar u taha daqqa bl-istess injama u mar jigri warajha sat-triq il-principali imma minhabba d-demm waqa' fit-triq. Intilef minn sensih.

Illi nkwantu ghall-filmati li gew ezebiti mill-ufficjal prosekutur ma gie prodott l-ebda xhud biex jikkonferma li gew downloaded minnu w allura bhala prova se jigu skartati.

Inkwantu ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat kif diga' gie rilevat il-parte civile baqghet ma xehditx. In vista ta' dan

jinghad mill-ewwel li t-tielet, ir-raba', il-hames u s-sitt imputazzjonijiet ma jirrizultawx ghaliex ma ngabet l-ebda prova dwarhom.

Permezz tal-ewwel imputazzjoni l-imputat gie akkuzat b'attentat ta' ferita gravi. il-Qorti tirreferi ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Sandro (Alexander) Chetcuti**[3] fejn inghad:

"Jinghad qabel xejn illi sabiex jissusti ir-reat tal-offiza volontarja, hi mehtieg l-intenzjoni generika li wiehed jaghmel hsara. "*Jekk l-intenzjoni ta'l-agent tkun li jaghmel hsara, zghira kemm hija zghira dik il-hsara li jkollu f'mohhu li jaghmel, hu irid wiegeb ghall-konsegwenzi kollha li effettivament jirrizultaw bhala konsegwenza diretta ta'l-ghemil tieghu.*" (ara sentenza Il-Pulizija vs Emanuel Zammit deciza Appelli Kriminali 30/03/1998).

Il-Qorti tosserva madanakollu illi peress illi f'dana it-tip ta' reat, kif gie sottolinjat huwa bizzejjed illi l-intenzjoni tkun wahda generika, allura fost l-awturi hemm diskordju dwar jekk jistax ikun hemm tentattiv ta' offiza gravi. Dwar dana jitkellem ukoll il-Professur Mamo fejn ighid: "*the principle that in the crime of bodily harm a generic intention to injure is sufficient, the offender being answerable for the harm which has actually ensued, gives rise to the doubt whether a charge of attempt is legally possible.*" (Notes on Criminal Law), izda imbaghad izid "*Looking at the classification of offences as made by the Law, it is not difficult to imagine certain circumstances in which, having regard to the means used by the offender and his mode of action, one may be certain of his intention to produce one rather than the other of the effects therein mentioned. Should there still remain a doubt as to the gravity of the result aimed at by the offender, the principle will naturally apply* ***in dubbio pro reo***."

Illi ukoll f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali fil-kawza fl-ismijiet Ir-Repubblika vs Domenic Briffa deciza fis-16 ta' Ottubru 2003, il-Qorti iccitat lill-awtur Francesco Antolisei fit-tul:

"Fost l-awturi hemm diskordju dwar jekk jistax ikun hemm tentattiv ta' offiza gravi. Francesco Antolisei fil-ktieb tieghu *Manuale di Diritto*

[3] Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali deciza fit-18 ta' Settembru 2013

*Penale, Parte Speciale I* (Giuffre` (Milano), nona edizione, 1986) ighid f'pagna 79:

"*Quanto al tentativo, la nostra concezione porta ad ammettere che esso possa verificarsi anche nei confronti della lesione grave e della lesione gravissima. Che dal punto di vista naturalistico un tale tentativo sia ipotizzabile, non e` dubbio e per convincersene basta pensare al caso, tutt'altro che infrequente nella pratica, dell'individuo che getta del vetriolo contro una persona col preciso intento di sfregiarla, senza riuscire a colpirla nel viso. Di fronte al nostro diritto positivo, la giurisprudenza e la prevalente dottrina opinano che non e` consentito parlare di tentativo di lesione grave e gravissima, e ritengono che in ogni caso il reo deve rispondere di tentativo di lesione comune. Tale conclusione, peraltro, se pure in armonia con la premessa da cui viene dedotta, non puo` soddisfare, non soltanto perche` trascura marcate differenze che esistono nella realta`, ma anche perche` assicura al tentativo di lesioni gravi e gravissime un trattamento di estrema benignita`, trattamento che contrasta nel modo piu` stridente con l'inesorabile rigore che viene adottato in caso di consumazione. Di cio` si e` reso conto qualche scrittore, come il Vannini, il quale sostiene l'ammissibilita` del tentativo di lesioni gravi e gravissime, ma a noi sembra che a tale risultato non si possa logicamente pervenire se si accetta la communis opinio che ravvisa nella lesione personale una sola figura criminosa. Accogliendo, invece, il nostro assunto e riconoscendo che non una, ma tre sono le figure di lesione personale, quella conclusione si giustifica; anzi, si rende necessaria. Naturalmente la punizione per tentativo di lesione grave o gravísima presuppone l'accertamento che nel caso concreto il reo mirava a realizzare uno dei risultati di cui all'art. 583. Se a tale accertamento il giudice non puo` pervenire, egli adempiera` il suo compito, applicando - come e` logico e giusto - il canone probatorio in dubio pro reo.*"

U ikkonkludiet: "**Din il-Qorti tara li dana il-bran jaqbel anke mad-dottrina li dejjem giet accetatat mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali taghna, u cioe' li jista' ikollok tentattiv ta' offiza gravi jew tentattiv ta' offiza gravissima, purche' jigi pruvat li l-agent kellu l-intenzjoni specifika li jikkaguna xi wahda min dawk il-konsegwenzi li jikkaratterizzaw l-offiza gravi jew l-offiza gravissima skond il-kaz. Hekk, per ezempju, ma jistax ikun hemm dubbju li jekk persuna isawwat mara tqila bl-intenzjoni specifika li ggieghelha tehles qabel iz-zmien jew bl-intenzjoni specifika li dik il-mara tabortixxi, jekk ma jirnexxilhiex fil-hsieb taghha (u salv l-elementi l-ohra kollha tat-tentattiv)**

**huwa koncepibbli d-delitt ta' tentattiv ta' offiza gravi fl-ewwel lok u dak ta' tentattiv ta' offiza gravísima fit-tieni lok**."

Illi kif diga inghad fil-kaz ta' offiza volontarja, l-intenzjoni generika sabiex wiehed jaghmel hsara hija bizzejjed izda fil-kaz tat-tentattiv tar-reat tal-offiza gravi jew gravíssima l-prosekuzzjoni jenhtiegilha tipprova lil hinn minn kull dubbju illi l-persuna akkuzata kellha l-intenzjoni specifika illi tikkaguna hsara gravi fuq il-vittma."

Mill-provi prodotti ma jirrizultax li l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova li l-imputat kellu l-intenzjoni specifika li jikkaguna hsara gravi fuq Carmen Meilak. Ghalhekk l-ewwel imputazzjoni ma gietx ippruvata.

Inkwantu ghat-tieni imputazzjoni u cioe' li l-imputat ikkaguna ferita ta' natura hafifa fuq Carmen Meilak jirrizulta li l-istess parte civile sofriet griehi fuq rasha tant li kellhom isirilu xi punti. Dawn il-griehi gew iccertifikati bhala ta' natura hafifa. Madankollu din il-Qorti ma ghandhiex provi bizzejjed in atti sabiex issibu hati ta' din l-imputazzjoni. Kif diga' inghad aktar 'il fuq, Carmen Meilak ma xehditx f'dawn il-proceduri. Inoltre' mill-istqarrija tal-istess imputat huwa evidenti li kien qieghed jinvoka l-legittima difesa. Din il-Qorti m'ghandhix ghalhekk bizzejjed provi sabiex issib lill-imputat hati ta' din l-imputazzjoni.

Inkwantu ghas-seba' imputazzjoni lanqas ma ngabet prova li l-imputat kien fis-sakra.

Tenut kont li l-imputazzjonijiet l-ohra kollha li jsegwu huma kollha konsegwenzjali ghal sejbien ta' htija ta' l-imputazzjonijiet jew xi wahda minnhom in vista li l-imputat ma nstabx hati taghhom huwa se jigi liberat anki minn dawn.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti ma ssibx lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u minnhom tilliberah.

Dr Josette Demicoli LL.D

Magistrat